MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru 794/2006

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
ADEL ALIMI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Adel Alimi, ta’ 34 sena, imwieled Metlaoui, Tunesija, fis-17 ta’ Gunju 1972, li ghandu passaport Tunesin bin-numru L579980, residenti 48A, Flat 2, Triq it-Torri, Sliema u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 412996(M).

Illi huwa akkuzat talli fit-12 ta’ Lulju 2005 gewwa l-Gzira ghal habta tal-11:50p.m. volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq bieb tal-hgieg, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta’ Kentucky Operations Ltd. liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt Lira Maltin imma izjed minn hamsin Lira Maltin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.8) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Superintendent Stephen Gatt xehed (a fol.9 et seq.) illi kien ircieva rapport mill-*Manager* ta’ Kentucky Fried Chicken, Gzira, li l-imputat kien kisser il-hgieg tal-bieb principali ta’ l-istabiliment. Giet ezebita okkorrenza Dok.SG 3 u stqarrija ta’ l-imputat Dok.SG 4

Fl-istqarrija l-imputat stqarr illi huwa kien nizel Manoel Island, iltaqa’ ma’ l-imghallem tieghu li hallsu hamsin Lira Maltin (Lm50) li kellu jatih u minn hemm mar fejn il-*bus stop* vicin KFC, Gzira. Hemmhekk l-imputat sab erbgha Maltin li bdew jinsulentaw lil barranin u ghalhekk l-imputat qabad jilletika maghhom u spiccaw fl-idejn:

“Dawn daru ghalija u mbuttawni mal-bieb ta’ KFC li huwa tal-hgieg u dan ikkrakja”. (ara fol.20)

L-imputat stqarr l dawn cemplu lil Pulizija li haduh l-Ghassa u sussegwentement rrilaxxawh. Min hemm mar il-*Labour Party Club*, Imsida, jitkellem ma’ habib tieghu. Hu stqarr li ma marx jiddewwa ghaliex ma kellux biex imur. Jinnega li kien mar fil-fatt il-kazin tal-Banda jistieden in-nies ghal glied (fol.21).

PS 909 Paul Buhagiar (fol.22) xehed li kien ircieva rapport minn Omar Barbara – *Supervisor* mal-KFC – li persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija kienet qed tipprova tisgassa il-bieb principali tal-KFC f’nofs il-lejl neqsin ghaxra (23:50hrs).

Huwa acceda fuq il-post u sab li l-imputat li kellu farrett f'imniehru,

"Qed jimbotta il-bieb bis-sieq u qed jaghti l-bieb bis-sieq." (ara fol.22).

PS Buhagiar xehed li **meta wasal fuq il-post il-hgiega tal-bieb kienet gia' miksura**. PS Buhagiar xehed li kien kellem lis-*Supervisor* li qallu li kienu waslu biex jaghlqu meta raw lill-imputat mimli demm javvicina l-istabiliment u bezghu mill-inkwiet u kienu pronti sakkru l-bieb. PS 909 ikkonferma l-okkorrenza Dok.SG3

Simon Fleri Soler (fol.25 et. seq.) *Manager* tal-KFC, ezebixxa l-kont tal-hsarat fuq il-bieb principali f'ammont ta' mija u ghaxar Lira Maltin punt sebgha u sebghin centezmu (Lm110.77c) Dok.SFS. Dan ix-xhud ma kienx prezenti fl-incident.

Omar Barbara, *Supervisor* KFC, xehed illi huma jaghlqu l-bieb principali tal-KFC fil-11:00p.m. Xi nofs siegha wara kien gie l-imputat li ried jidhol bilfors, ta daqqa ta' sieq u kisser il-hgiega. Barbara (a fol.30) xehed li l-imputat kellu d-demm ma' wiccu qabel ma habbat fuq il-bieb, u li dan gara qabel ma gew il-Pulizija.

A fol.33, id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci lil PS 907 u l-imputat accetta l-volontarjeta' ta' l-istqarrija tieghu u accetta l-istima ta' mija u ghaxar Lira Maltin punt sebgha u sebghin centezmu (Lm110.77c)

L-imputat ikkonferma (a fol.35) li kellu xi jghid ma grupp ta' Maltin, li fil-prezenza tieghu, kienu qeghdin jitghajru u jinsulentaw nies ta' nazzjonalita' Gharbija. Wiehed minnhom imbuttah u qabdu jiggieldu. Dan gara quddiem l-istabiliment tal-KFC u f'hin minnhom wiehed mill-Maltin

imbuttah gol-bieb tal-hgieg tal-KFC u dan l-istess bieb nkiser.

L-imputat xehed li l-hgieg inkiser bl-impatt ta' wiccu u geddumu (fol.31). L-imputat xehed li ma marx biex jiddewwa.

A fol.38, l-imputat xehed li kien xorob zewg birra. Mistoqsi mill-Qorti, ikkorega ruhu u qal li kien xorob zewg birra l-Belt u ghaxra birra l-Imsida u jsostni li kien "normali" u mhux fis-sakra u dan il-ghaliex "is-soltu naqbez anke l-ghoxrin." (ara fol.39)

Spettur Gatt (a fol.40) ikkonferma li l-imputat kien imwegga tant li kien staqsieh rigward il-griehi tieghu fl-*istatement*.

Ikkonsidrat:

Illi mill-assiem tal-provi jirrizulta b'mod ampju illi kuntrarjament ghal dak li jallega l-imputat fl-istqarrija u xhieda tieghu, l-imputat, fid-data ta' l-incident, kien fi stat ta' **sokor serju.** Illi f'dan l-istat, l-imputat gie aggredit minn grupp ta' bejn erbgha (4) u sebgha (7) minn nies u garrab diversi griehi f'wiccu. Kien biss **wara** din il-glieda li l-imputat fettillu jhabbat fuq il-bieb maghluq ta' KFC sakemm kisser il-hgieg tal-bieb. L-impjegati cemplu lil Pulizija li waslet fuq il-post u **sabet lill-imputat ghadu jaghti bis-sieq lil bieb principali tal-KFC**, fi stat ta' sokor deplorabbli. Wara li gie investigat, l-imputat gie relaxxat. Il-Pulizija kellhom **jerghu jarrestaw** lill-imputat il-ghaliex l-imputat beda **jistieden in-nies ghal glied** fil-Kazin tal-Banda ta' l-Imsida.

Illi l-hsara volontarja giet stabbilita' f'ammont ta' mija u ghaxar Lira Maltin punt sebgha u sebghin centezmu (Lm110.77c) ekwivalenti ghal mitejn tmienja u hamsin

euro punt zewg centezmi (€258.02) skond Dok.SFS a fol.28.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, **Adel Alimi**, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 325, 28A u 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat, Adel Alimi, ghal erba' (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn waqt li tordna l-hrug ta'** ***Compensation Order*** **kontra l-imputat u favur is-socjeta' Kentacky Operation Limited fl-ammont ta' mija u ghaxar Lira Maltin punt sebgha u sebghin centezmu (Lm110.77c) ekwivalenti ghal mitejn tmienja u hamsin euro punt zewg centezmi (€258.02) liema somma ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------